# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH SAID PULLICINO, B.A. (HONS), LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Jannar, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 797/99 PS**

**Oscar Gatt**

**vs**

**Silvio Brincat**

**<u>Id-decizjoni appellata</u>**

Fid-9 ta' Gunju, 2000, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza f'kawza li fiha l-attur irreklama minghand il-konvenut danni minnu sofferti f'incident stradali.

**"Il-Tribunal,**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250.00,0) ammont dovut ghal danni sofferti mill-attur f'incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Dicembru, 1998, fl-12.40 a.m., f'St. Joseph Drive, Msida, meta l-attur kien qed isuq vettura tal-marka Vauxhall Astra, bin-numru ta' registrazzjoni AAT 706 u l-konvenut kien qed isuq Mazda 212 bin-numru BAD 596. Dan l-incident sehh tort tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolament tat-traffiku. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kollizjoni sehhet minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-attur. Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni;

Sema' bil-gurament lill-partijiet u lix-xhieda taghhom; ezamina d-dokumenti esebiti u l-provi kollha prodotti u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula verbalment mid-difensuri tal-partijiet matul il-kors tal-proceduri;

Jikkunsidra:

1. L-incident gara fil-lejl tal-Milied, 25 ta' Dicembru, 1998, fil-12.40 a.m., kwazi fin-nofs bejn ir-*roundabout* bil-Monument lill-Haddiem Malti u x-xatt, f'St. Joseph Drive, l-Imsida.

2. L-attur kien gej minn Regional Road, waqaf taht id-dwal tat-traffiku hdejn il-Labour Party Club, u wara li nqalbu d-dwal, ipprosegwa mar-*roundabout* bl-intenzjoni li jigbed lejn il-Belt. Il-konvenut kien gej min-naha ta' Ta' Xbiex u beda jaqsam St Joseph Drive bl-intenzjoni li jigbed lejn Birkirkara.

3. St. Joseph Drive tikkonsisti f'erba' karreggjati tat-traffiku: tnejn iduru mar-*roundabout* u jiehdu lejn Birkirkara u tnejn jilwu lejn ix-xellug u jiehdu fid-direzzjoni tal-Belt Valletta.

4. Minn fejn kien gej il-konvenut, cioe' Ta' Xbiex Seafront, fit-tarf tat-triq qabel ma din tisporgi f'St Joseph Drive, fl-art hemm immarkati zewg trijangli li jindikaw *Give Way*, cioe' li jaghtu precedenza lit-traffiku li jkun gej minn Immacutate Conception Street (li minnha kien gej l-attur) biex jidhol f'St. Joseph Drive.

Premessi dawn il-fatti, it-Tribunal ikompli jaghmel il-kunsiderazzjonijiet segwenti:

5. Fid-dawl semplicement tal-fatti suesposti, wiehed seta' ***prima facie*** jasal ghall-konkluzjoni li l-precedenza kienet tmiss lill-vettura ta' l-attur, kemm minhabba li hu kien qed idur, jew se jaqbad idur, mar-*roundabout*, u kemm in vista tal-*Give Way Signs* li kien hemm immarkati fl-art f'tarf it-triq li minnha kien hiereg il-konvenut, liema sinjali jobbligaw lis-sewwieq (f'dan il-kaz, il-konvenut) li jieqaf u jaghti d-dritta lil min ikun gej mill-faccata. Il-kaz prezenti, pero', jipprezenta fatti u cirkustanzi ohra li jinnewtralizzaw dan il-principju.

6. Ghandu jinghad **a priori** illi d-dritt ta' precedenza favur sewwieq li jkun qed idur, jew se jdur, ma' roundabout vis-à-vis min ikun gej minn fuq Give Way Sign **ma huwiex dritt assolut**. Dan id-dritt ma jezentax lis-sewwieq, li jgawdih, milli juza d-diligenza kollha stradali u josserva r-regolamenti tat-traffiku biex jevita li jista' jigri xi incident ma vettura li tkun taghtu d-dritta ta' passagg.

7. Fil-kaz taht ezami, jirrizulta li z-zewg sewwieqa raw lil xulxin qabel l-incident. Ma jirrizultax, b'mod inekwivoku u konklusiv, minn liema karreggjata kien qed isuq l-attur immedjatament qabel ma sehh l-incident. Hu jghid, fix-xhieda tieghu, li kien lahaq qabad it-tieni *lane* minn hdejn il-bahar. Huwa zgur li kien qed isuq jew mill-karreggjata ta' hdejn ir-*roundabout* (ta' gewwa), jew mill-karreggjata ta' barra – it-tieni wahda – min-naha ta' l-istess *roundabout*, jew kien ghaddej minn ta' gewwa u mbaghad qaleb ghal ta' barra. Huwa fatt car u ipprovat – kif jirrizulta mis-*spot* of impact indikata miz-zewg sewwieqa nfushom fuq iz-zewg *sketches* ipprezentati minnhom (dok. "B" u dok. "SB1"), peress li ma sarx sketch mill-Pulizija ghax il-konvenut kien lahaq telaq minn fuq il-post ta' l-incident – illi l-habta grat fit-tieni lane min-naha tar-*roundabout*, u mhux fit-tieni *lane* min-naha tal-bahar kif xehed l-attur.

8. Jirrizulta li, qabel l-incident, iz-zewg vetturi lahqu dahlu fl-istess karreggjata, it-tieni wahda min-naha tar-*roundabout*, b'dik ta' l-attur quddiem dik tal-konvenut. Dawn iz-zewg karreggjati – l-ewwel u t-tieni wahda ta' hdejn ir-*roundabout* – it-tnejn jiehdu fid-direzzjoni lejn Birkirkara jew mal-kumplament tad-dawra ta' l-istess *roundabout*. Mit-tieni wahda, pero', wiehed jista' jilwi lejn ix-xellug, jidhol f'karreggjata ohra u jiprosegwi lejn il-Belt – <u>f'liema kaz, pero', huwa jkun irid</u>

jaqsam il-*flow* tat-traffiku li jkun gej min-naha ta' Ta' Xbiex, kif fil-fatt kien gej il-konvenut.

9. Min ikun qed jaqsam St. Joseph Drive fid-direzzjoni ta' Birkirkara u jkollu vettura ohra quddiemu fit-tieni karreggjata n-naha tar-*roundabout* jew f'dik ta' hdejh, in-naha tal-lemin, cioe' mar-*roundabout*, fin-nuqqas ta' indikazzjoni cara diversa, ghandu gustament jifhem u jikkonkludi li l-istess vettura tkun se tipprosegwi fl-istess direzzjoni lejn Birkirkara. Il-konvenut, ghalhekk, kien gustifikat li jahseb hekk. U kieku l-vettura ta' l-attur ipprosegwiet lejn Birkirkara, l-**incident certament ma kienx isehh**.

10. Jirrizulta, pero', li l-attur ried jilwi lejn ix-xellug tieghu biex jidhol f'karreggjata ohra u jibqa' sejjer lejn il-Belt. **L-incident bejn iz-zewg vetturi gara meta l-attur ghamel din il-manuvra**.

11. Il-konvenut xehed li, la qabel ma ddecieda li jaqleb mill-karreggjata li kien qed isuq fiha ghal dik fuq ix-xellug tieghu fid-direzzjoni tal-Belt u lanqas waqt li kien qed jaqleb, **l-attur ma xeghelx l-indicator**. L-attur xehed darbtejn, u fl-ebda darba li huwa xehed ma semma jekk kienx xeghel jew le l-indicator. Li kieku xeghel l-indicator, certament kien ikun fl-akbar interess ta' l-istess attur li dan jghidu. Dan ma qalux, u lanqas ma xehditu mart l-attur, u **konsegwentement ghandha titqies bhala fatt provat il-verzjoni tal-konvenut meta xehed li l-attur f'ebda hin ma xeghel l-indicator**.

12. Din il-manuvra ta' l-attur li jaqsam minn karreggjata ghal ohra bla ma jaghti indikazzjoni ta' l-intenzjoni tieghu kienet wahda mill-aktar riskjuza – oltre li tikser ir-regoli tad-diligenza u tal-prudenza stradali u tal-Kodici tat-Triq, u ghalhekk tghabbi lill-istess attur bir-responsabbilta' kollha ta' l-incident u bil-konsegwenzi li jirrizultaw minnu.

13. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi jirrizulta li t-talba attrici ma hijiex gustifikata u ghalhekk ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi:

1. Jiddikjara li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament tort ta' l-attur; u konsegwentement,

2. Jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-istess attur.

**Appell**

L-attur appella minn din id-decizjoni fuq il-bazi illi t-Tribunal kien agixxa b'mod kuntrarju ghar-regoli ta' imparzjalita' u ekwita' skond il-Ligi, u dana bi ksur ta' l-artikolu 8 (2) (d) ta' l-Att Nru. V ta' l-1995. Hu jsostni li t-Tribunal agixxa kuntrarju ghal dawn ir-regoli meta njora totalment il-*Give Way sign* u nesa' l-obbligi tal-konvent appellat li fic-cirkostanzi kien aktar jispetta lilu li jzomm *a proper look out* ghat-traffiku li kien gej fuq it-triq principali. L-appellant jissottometti li t-Tribunal enfasizza hafna n-nuqqasijiet da parti ta' l-attur, pero' kien nesa kompletament in-nuqqasijiet tal-konvenut. Kien ukoll injora l-fatt illi l-konvenut appellat kien baqa' sejjer wara l-incident, u dan bl-iskuza li, skond hu, il-partijiet kienu lahqu ftehim li kulhadd jibqa' bl-ispejjez tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-ewwel aspett li din il-Qorti kellha tikkonsidra hu dak sottomess lilha mill-konvenut appellat fir-risposta tieghu, u cioe' illi l-appell ma kienx ammissibbli skond il-ligi billi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar kienet ibbazata fuq apprezzament tal-fatti li sehhew u li taw lok ghall-incident stradali, kif ukoll fuq l-apprezzament ta' min mis-sewwieqa kellu jigi ritenut responsabbli ghalih. Il-ligi pero' kienet teskludi appell fuq apprezzament ta' fatt inkwantu kienet telenka bi

precizjoni tassattivament f'liema cirkostanzi kien permissibbli appell mid-decizjoni tat-Tribunal.

L-artikolu 8 ta' l-Att Nru. V ta' l-1995 jipprovdi nfatti li jista' jsir appell minn decizjoni tat-Tribunal biss:-

a) Fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;

b) Fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;

c) Fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 2 ta' l-artikolu 7; u

d) Meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' imparzjalita' u ta' ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat l-jeddijiet ta' min jappella.

Issa mill-aggravju lilha sottomess mill-appellant, din il-Qorti ma tara xejn li jista' jinduciha biex tikkonkludi li t-Tribunal kien agixxa b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' ekwita'. Indubbjament bl-ebda mod ma seta' jkun hemm accenn ta' rifless fuq l-imparzjalita' tat-Tribunal. Infatti fl-ebda mument ma gie accennat li t-Tribunal ma mexiex b'mod xieraq u gust fil-kondotta tal-proceduri. Il-fatt illi fid-deliberazzjoni tieghu, anke kif redatti fil-konsiderazzjonijet tad-decizjoni

appellata, it-Tribunal ghazel li jadotta bhala aktar kredibbli u attendibbli l-verzjoni li ta l-konvenut ta' kif sehh l-incident, bl-ebda mod ma jfisser li t-Tribunal kien agixxa b'mod parzjali bi pregudizzju ta' l-attur appellant. Ifisser biss li fl-apprezzament tieghu tal-provi prodotti, it-Tribunal ikkonvinca ruhu li l-verzjoni ta' kif sehh l-incident, moghtija mill-attur u mill-provi tieghu, ma kienetx tissodisfa dak il-minimu mehtieg biex it-Tribunal jaccetta bhala provati l-premessi ghat-talba tieghu.

In tema ta' ekwita', din il-Qorti ma tarax kif jista' l-appellant jadduci din ir-raguni bhala motiv biex jinficja d-decizjoni appellata. It-Tribunal infatti m'ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita' u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonjiet fattwali kif johorgu mill-provi tal-kontendenti. L-Appell hu ghalhekk improponibbli u l-eccezzjoni ta' l-appellat f'dan ir-rigward tirrizulta ghal kollox sostnuta.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

mm